# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 17 ta' Lulju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Elden Muhammed Isam,**
**Ahmed Alagbash u**
**Tarigawad Awad Ahmed Asaballa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif sostitwiti b'digriet ta' din il-Qorti tas-28 ta' Dicembru 2018 - migjuba kontra:

Elden Muhammed Isam ta' 24-il sena, iben Muhammed u Aisha xebba Aya, mwieled Senal, is-Sudan nhar l-1 ta' Jannar 1994 u residenti 13D, Tent Village, Hal Far;

Ahmed Alagbash ta' 19-il sena bin Algbash u Omdi Dahiya nee' Salh imwieled nhar l-14/2/1999 gewwa Darfour, Sudan u residenti 13D, Tent Village, Hal Far;

u

Tarigwad Awad Ahmed Asaballa ta' 16-il sena bin Awad Ahmed u Huda nee' Jadu Mohammed imwieled is-Sudan nhar l-1 ta' Ottubru 2002 u li joqghod gewwa 1D, Tent Village, Hal Far

Akkuzati talli:

Fil-11 ta' Ottubru 2018, f'Hal-Far

1. Serqu telefone cellulari tal-ghamla Samsung J6 ghall-valur ta' madwar 215 Euro u talli serqu 280 euro fi flus kontanti ghad-dannu ta' Dewan Md Doha u/jew persuni ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-hin, bil-vjolenza u bil-valur.
2. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Agoy Sarkar u Dewan Md Doha f'periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura hfief fuq il-persuna ta' Agoy Sarkar u Dewan Md Doha.
3. Talli hebbew kontra l-persuni ta' Nazer MD u Romjan MD sabiex jingurjaw, idejjqu jew jaghmlu hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-kodici.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, u anke matul il-mori tal-kawza tipprovdi ghas-sigurta ta' Dewan Md Doha, Agoy Sarkar, Ramjan MD u Nazer MD ai termini tal-artikolu 412C, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi ttrattata bil-procedura sommarja, u rat li l-imputati wiegbu li m'ghandhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Dawn il-proceduri jirrigwardaw glieda li sehhet fil-11 ta' Ottubru 2018 bejn numru ta' nies mill-Bangladesh u numru ta' nies Sudanizi, fosthom l-imputati, li jghixu fit-Tent Village ta' Hal-Far, liema glieda sehhet barra l-istess Tent Village. Il-fatti saljenti huma s-segwenti:

1. Grupp ta' erbat irgiel mill-Bangaldesh irrapportaw mat-Tent Village li fil-waqt li kienu qed jitkellmu flimkien, kienu gew aggrediti, imsawwta u misruqa minn grupp ta' sitt persuni Afrikani, fosthom it-tlett imputati odjerni.

2. Dawn l-erba' irgiel huma:

   (i) Nazer MD li allega li qala daqqa ta' ponn f'imniehru izda ma nsteraqlu xejn.

   (ii) Romjan MD li allega li qala daqqa ta' gebla fuq wara ta' rasu minghand l-imputat Tarigawad Awad Ahmed Asaballa u li nsterqulu €150 fi flus kontanti;

   (iii) Dewan MD Doha li allega li nsteraqlu mobile Samsung J6 u €80 fi flus kontanti, kif ukoll li qala' daqqa f'imniehru, u li l-imputat Ahmed Alagbash tefghalu gebla u laqtu fuq dahru.

   (iv) Agoy Sakar li allega li nsterqulu €50.00 fi flus kontanti.

3. Minn perkwizizzjoni li saret fuq it-tlett imputati, fuq il-persuna ta' Ahmed Alagbash instabu €280 fi flus kontanti, mobile Samsung u headphones kif ukoll id-dokumenti tieghu u tal-imputat Tariq Awed Amed. Fuq iz-zewg imputati l-ohra ma nstab xejn.

4. L-imputat Elden Muhammed Isam (iktar l-isfel imsejjah "Isam") sahaq li hu ma kellux x'jaqsam mal-glieda. Huwa jghid li kien rieqed u sema' l-ghajjat u mar jara x'gara u pprova jifred lil Tariq u lil Ahmed mill-persuni mill-Bangladesh.

5. Min-naha l-ohra l-imputati Ahmed Alagbash (iktar l-isfel imsejjah "Ahmed") u Tarigawad Awad Ahmed Asabella (iktar l-isfel imsejjah "Tarig") qalu li huma hargu mit-Tent Village biex imorru jixtru minn hanut tal-merca. Fi triqthom lejn il-hanut, grupp ta' Bangladeshi bdew igaraw il-gebel fuqhom. Inqala' argument bejniethom,

pero imbaghad ghamlu paci. Huma u gejjin lura mill-hanut, grupp ta' Bangladeshi marru ghalihom u bdew isawtuhom.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Qabel ma tikkonsidra l-meritu, il-Qorti thossha fid-dover li tissolleva kwistjoni preliminari *ex officio.*

*Kwistjoni Preliminari – L-Ammissibilita tal-Istqarrijiet u x-Xhieda tal-ko-imputati*

Il-Prosekuzzjoni ezebiet l-istqarrijiet tat-tlett ko-imputati f'dawn il-proceduri, u it-tlett imputati ghazlu li joffru d-deposizzjoni taghhom. Skond il-gurisprudenza stabbilita ta' dawn il-Qrati, meta fi proceduri bhal dawk odjerni, ikun hemm zewg ko-imputati, jew aktar, ix-xhieda jew kull dikjarazzjoni ohra maghmula minn ko-imputat wiehed mhux ammissibbli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor, kemm jekk din ix-xhieda tkun favur u kemm jekk tkun kontra l-iehor. Dan gie ribadit fid-digriet tal-Qorti Kriminali[1] tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs *omissis* Ian Farrugia**, fejn gie ritenut hekk: *"Il-gurisprudenza hija cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali."* u l-Qorti Kriminali tghaddi biex ticcita diversi sentenzi in materja.[2]

Ghalhekk, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-ko-imputati, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet lill-ufficjali tal-Pulizija u tal-ko-imputati l-ohra f'dawn il-proceduri.

[1] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[2] Ara wkoll fl-istess sens id-digriet tal-Qorti Kriminali (*per* Imhallef Joseph Galea Debono) tal-4 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella.**

*Il-Meritu*

Ir-rizoluzzjoni tal-kaz odjern tirrivolvi dwar il-kredibilita tal-allegati vittmi u dik tal-imputati. Din il-Qorti kellha l-opportunita li tisma' x-xhieda kollha hi f'dawn il-proceduri, u mill-kumpless tal-provi prodotti hija tal-opinjoni li, salv ghal dak li se jinghad aktar l-isfel f'din is-sentenza, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Ghalkemm huwa vera li l-versjonijiet tal-erba' allegati vittmi ma jaqblux f'certi dettalji, l-versjonijiet taghhom huma konsistenti fis-sustanza taghhom. Certament m'hix ko-incidenza li fuq il-persuna tal-imputat Ahmed instab mobile Samsung J6 u s-somma ta' €280 fi flus kontanti, fil-waqt li Ramjan jghid li insterqulu €150, Dewan €80 u Samsung J6 u Agoy €50. Ghalhekk l-ammont komplessiv fi flus kontanti li dawn il-vittmi jghidu li nsterqulhom instabu kollha fuq il-persuna ta' Ahmed, flimkien mal-mobile Samsung J6 li Dewan ukoll jghid li insteraqlu.

2. Ghalkemm l-imputat Isam jghid li hu ma kellux x'jaqsam mal-glieda, izda mar hemm biex iferraqhom, l-erba' vittmi kollha jidentifikawh bhala wiehed mill-aggressuri, u dan sa mill-bidunett. Fil-fatt, PS1433 James Saliba xehed li meta wasal fuq il-post, it-tlett imputati kienu qieghdin jigu mizmuma mal-genb mill-pulizija normali tal-ufficini ta' Hal-Far Village, stante li kienu gew identifikati mill-vittmi.[3]

3. In sostenn tal-versjoni tieghu, l-imputat Isam tella' bhala xhud lil Munzer Hussein[4] li jghid li Isam ma kienx prezenti waqt l-incident bejn is-Sudanizi u l-Bangladexxi. Din il-Qorti m'ghandhix ezitazzjoni tghid li l-verzjoni tal-fatti li ta dan ix-xhud mhux kredibbli. Skond dan ix-xhud, circa tletin (30) Bangladexxi hargu minn got-Tent Village, u kellhom f'idejhom bicca injama u sikkina, ghall-imputati Ahmed u Tarig – minghajr ma jaghti l-ebda raguni ghalfejn il-Bangladexxi kienu irrabjati ghal dawn iz-zewg imputati. Iktar minn hekk, dan ix-xhud jghid li hu u tlieta (3) min-nies ohra dahlu bejniethom biex ma jsawwtux lil dawn iz-zewg imputati, u mirakolazament

[3] Ara fol. 73 tal-process.
[4] Ara fol. 99 *et seq.* tal-process.

irnexxiehom jikkalmawhom u iwaqqfuhom, minkejja li allegatament l-Bangladexxi kienu hafna iktar fin-numru u armati b'sikkina u njama, u hu u l-imputati Ahmed u Tarig ma jifhmux il-lingwa tal-Bangladexxi.

4. Fl-istqarrija tieghu, Ahmed jghid li hu u Tarig kienu sejrin il-hanut, xi Bangladexxi garaw il-gebel fuqhom, u ghalkemm kien se jiggieled maghhom, ghamlu paci. Huma u gejjin lura mill-hanut kien hemm grupp ta' Bangladexxi biex isawtu lilu u lil Tarig. Lilu tawh daqqa' go rasu bil-gebel u waqa' mal-art u storda. Hu jghid li kellu fuqu l-ammont ta' €420, li kienu in parte tieghu u in parte ta' zewg persuni ohra, li parti minnhom waqghulu waqt il-glieda. Meta gie mistoqsi kemm mill-ammont ta' €420 kienu tieghu, Ahmed jghid li €100 kienu tieghu, €50 ta' Tarig u €180 ta' terza persuna – liema ammonti iwasslu ghas-somma ta' €330 u mhux ta' €420. In oltre l-allegazzjoni tieghu li hu kien qala' daqqa go rasu bil-gebel ma hija sorretta bl-ebda certifikat mediku, apparti li hija kontradetta mix-xhieda ta' Munzer Hussein, li skond dan ix-xhud, hu u tlieta min-nies ohra ferrqu lill-Bangladexxi minn dawn iz-zewg imputati minghajr ma nqala' glied. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat Ahmed jghid li mill-ammont ta' €280 li l-pulizija sabet fuqu, €180 kienu tieghu u €100 kienu ta' Tarig – kontradizzjoni manifesta ma' dak li qal fl-istqarrija. In oltre huwa jghid li kellu fuqu mobile Samsung G4, meta l-Pulizija kollha xehdu li l-mobile li nstab fuqu kien Samsung J6 – l-istess mudell ta' mobile li nsteraq lil vittma Dewan. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat Ahmed ma jsemmi xejn dwar li hu qala' daqqa fuq rasu bil-gebel. Dawn il-kontradizzjonijiet jaghmlu x-xhieda tal-imputat Ahmed wahda inattendibbli.

5. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat Tarig xehed illi fil-waqt li hu u Ahmed kienu sejrin jixtru mill-hanut, huma gew aggrediti bil-gebel minn xi Bangladexxi u hu kellu xi jghid anke fizikament maghhom, pero wara ghamlu paci. Huma u gejjin lura mill-hanut, regghu gew aggrediti min-nies mill-Bangladexx, li hafna minnhom kellhom l-injam u s-skieken. Hu jghid li wiehed minnhom tah daqqa' go rasu b'gebla u daqqa' b'sieqù fil-parti tieghu, u hu tah xi daqqiet lura. Wara dawn id-daqqiet, hu mar ikellem lil Pulizija li jkun hemm xoghol fic-Centru ta' Hal-Far, gew il-Bangladexxi jibku, u l-Pulizija arrestah. L-imputat Tarig ta fis-sustanza l-istess verzjoni tal-fatti fid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. Din il-versjoni ma taqbilx ghar-ragunijiet li inghataw iktar il-fuq ma' dik ta' Munzer Hussein, apparti li l-allegati

daqqiet li jallega li sofra, ma humiex sorretti minn xi certifikat mediku. Frankament, din il-Qorti temmen li kieku l-verzjoni tal-imputat Tarig kienet vera, din il-Qorti ma kienx ikollha quddiemha din il-kawza, imma kawza hafna iktar serja. Inoltre, fl-ahhar tax-xhieda tieghu, l-imputat Tarig jammetti li ra wiehed mill-Bangladesh b'xi griehi fuq imniehu.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax min mill-imputati seraq il-mobile u l-flus minghand it-tlett vittmi, u min mill-imputati ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq Sarkar Agoy u Dewan MD Doha, u dejjaqhom u ghamlilhom hsara, apparti l-fatt li l-vittmi stess jghidu li fl-aggressjoni kontrihom kienu involuti wkoll tlett persuni ohra, li ma setghux jidentifikaw.

Din il-Qorti hija tal-fehma pero, illi ghalkemm m'huwiex maghruf l-awtur/i tas-serq u tal-feriti hfief in kwistjoni, u tal-kontravenzjoni in kwistjoni, it-tlett (3) imputati bil-partecipazzjoni taghhom attiva kontra l-erba' vittmi Bangladexxi ghenu lill-awturi tar-reati, u sahhew il-volonta' ta' xulxin fil-kommissjoni tar-reati mill-awtur/i kontemplati fl-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, u dana jirrendihom komplici fil-kommissjoni ta' dawn ir-reati a tenur tal-Artikolu 42(d) u (e) tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti qieghda tasal ghal din il-konkluzjoni in vista li l-Artikolu 467(2) tal-Kodici Kriminali – rez applikabbli ghal proceduri quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bl-Artikolu 525(3) tal-Kodici Kriminali – jippreskrivi li meta ma jigix ippruvat li l-akkuzat kien l-awtur jew wiehed mill-awturi tar-reat migjub fl-att tal-akkuza, izda jigi ippruvat li kien komplici, il-guri jista' jiddikjara l-akkuzat hati ta' komplicita'. Din l-interpretazzjoni giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr. Lawrence Pullicino** deciza fil-15 t'April, 1994.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghalkemm jidher li l-imputati kollha ghandhom fedina penali netta, mill-provi jirrizulta li l-imputati Isam u Ahmed kien ilhom biss ftit xhur hawn Malta qabel sehh l-incident in kwistjoni.

L-oggetti misruqa kienu mobile Samsung J6 ta' valur ta' madwar €215 u €280 fi flus kontanti. Ghalkemm dawn l-ammonti jidhru *prima facie* zghar, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li l-vittmi huma immigranti illegali li l-unika introjtu taghhom huwa l-ghajnuna finanzjarja li jircievu minghand il-Gvern ta' Malta.

Mill-provi jirrizulta, li l-Pulizija irnexxielha tirkupra l-oggetti kollha misruqa qabel il-bidu ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk il-piena ghandha titnaqqas b'zewg gradi ai termini tal-Artikolu 337(2)(b)(i) tal-Kodici Kriminali.

Inoltre, l-imputat Tarig kellu sittax (16)-il sena meta ikkommetta dan ir-reat, u ghalhekk fil-kaz tieghu, il-Qorti se terga' tnaqqas il-piena bi grad iehor, ai termini tal-Artikolu 37(2) tal-Kodici Kriminali.

Dan is-serq huwa aggravat bil-hin, bil-vjolenza u bil-valur. Mill-provi irrizulta li ghalkemm ma kienx hemm marki vizibbli, Sarkay Agoy qala' daqqa fil-gok ta' halqu.[5] Min-naha l-ohra, Dewan MD Doha, kellu girfa ta' inqas minn centimetru fuq il-warda ta' wiccu l-leminija, u ghalkemm ma kellux sinjali esterni, kien mugghuh mal-ghafsa fuq geddumu fuq il-lemin, kif ukoll fuq il-kustilji tal-lemin.[6] Billi l-vittma Dewan MD kellu ferita hafifa fuq wiccu, din il-Qorti ma thossx li ghandha tikkonsidra din il-ferita wahda ta' importanza zghira.

Ghal fini ta' piena l-Qorti tqis li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma assorbiti fir-reat magguri kontenut fl-ewwel imputazzjoni, peress li s-serq hu *inter alia* aggravat bil-vjolenza, bl-applikazzjoni tad-dottrina tal-konkors formali u ideali tar-reati.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 221(1), 261(a), (c) u (f), 262(1)(a) u (b), 270, 274(c), 277(a), 20, 339(1)(d), 337(2)(b)(i) u 37(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati mhux hatja bhala awturi tal-imputazzjonijiet li jaqghu taht dawn l-imsemmija Artikoli, izda hatja bhala komplici tar-reati kontemplati fl-istess Artikoli, a tenur tal-Artikolu 42(d) u (e) tal-istess Kapitolu 9 u tikkundanna lill-imputati Elden Muhammed

[5] Ara fol. 79 tal-process.
[6] Ara fol. 82-83 tal-process.

Isam u Ahmed Alagbash ghal tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija kull wiehed, fil-waqt li tikkundanna lill-imputat Tarigwad Awad Ahmed Asaballa ghal erbatax (14)-il xahar prigunerija. Minn dawn it-termini ta' prigunerija ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputati ghamlu taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 383 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Dewan MD Doha, Agoy Sarkar, Ramjan MD u Nazer MD, il-Qorti qed torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghhom nfushom taħt penali ta' elf Euro (€1,000) kull wiehed ghal zmien sena, li tibda tiddekorri minn meta l-hatja jiskontaw il-pieni karcerarji rispettivi taghhom, li gew erogati b'din is-sentenza.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**